IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2020
COM(2020) 824 final

ANNEX 7

ANNESS

mal-

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 347/2013

{SEC(2020) 431 final} - {SWD(2020) 346 final} - {SWD(2020) 347 final}

Grilja tas-Sussidjarjetà

1. L-Unjoni tista' taġixxi? X'inhi l-bażi ġuridika u l-kompetenza tal-azzjoni intiża tal-Unjoni?
1.1 Liema artikolu(i) tat-Trattat għandu/għandhom jintuża(w) b'appoġġ għall-proposta leġiżlattiva jew għall-inizjattiva politika?
L-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment u għall-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej, inkluż fil-qasam tal-infrastruttura tal-enerġija. L-Unjoni għandha tippromwovi l-interkonnessjoni tan-networks nazzjonali. Ir-Regolament TEN-E huwa bbażat fuq l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-bażi ġuridika sabiex jiġu adottati linji gwida li jkopru l-objettivi, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-miżuri previsti fil-qasam tan-networks trans-Ewropej kif stipulat fl-Artikolu 171.
1.2 Il-kompetenza tal-Unjoni rrappreżentata minn dan l-artikolu tat-Trattat hija ta' natura esklussiva, kondiviża jew ta' appoġġ?
Fil-każ tan-networks trans-Ewropej, il-kompetenza tal-Unjoni hija kondiviża. L-Artikolu 172 jgħid li l-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru partikolari għandhom ikunu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Istat Membru interessat.
*Is-sussidjarjetà ma tapplikax għal oqsma ta' politika li fihom l-Unjoni għandha kompetenza **esklużiva** kif definita fl-Artikolu 3 tat-TFUE[1]. Hija l-bażi ġuridika speċifika li tiddetermina jekk il-proposta taqax taħt il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà. L-Artikolu 4 tat-TFUE[2] jistabbilixxi l-oqsma li fihom il-kompetenza tkun kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. L-Artikolu 6 tat-TFUE[3] jistabbilixxi l-oqsma li għalihom l-Unjoni jkollha kompetenza biss sabiex tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri.*
2. Prinċipju tas-Sussidjarjetà: Għaliex jenħtieġ li taġixxi l-UE?
2.1 Il-proposta tissodisfa r-rekwiżiti proċedurali tal-Protokoll Nru 2[4]: - Saret konsultazzjoni wiesgħa qabel ma ġie propost l-att? - Hemm dikjarazzjoni dettaljata b'indikaturi kwalitattivi u, fejn possibbli, kwantitattivi li jippermettu li ssir evalwazzjoni ta' jekk l-azzjoni tistax tinkiseb l-aħjar fil-livell tal-Unjoni?
- F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni komprensiva mal-partijiet konċernati bbażata fuq strateġija ta' konsultazzjoni li kienet tinkludi firxa ta' metodi u ta' għodod ta' konsultazzjoni. L-istrateġija tfasslet f'konformità mal-loġika tal-intervent, filwaqt li ffokat fuq ir-rilevanza, fuq l-effettività, fuq l-effiċjenza, fuq il-koerenza, u fuq il-valur miżjud tal-UE tar-Regolament TEN-E. L-istrateġija ta' konsultazzjoni kellha l-għan li tiżgura li tiġi kkunsidrata l-evidenza rilevanti kollha, li tinkludi d-*data* dwar il-kostijiet, dwar l-impatt fuq is-soċjetà, u dwar il-benefiċċji potenzjali tal-inizjattiva. - Konsultazzjoni pubblika online (OPC) bejn it-18 ta' Mejju u t-13 ta' Lulju 2020 ipprovdiet l-opportunità lil kull min kien interessat jikkontribwixxi għall-evalwazzjoni u għar-reviżjoni tar-Regolament TEN-E. L-Istħarriġ tal-UE ntuża għall-ġestjoni tal-OPC. Il-kwestjonarju kien disponibbli fi 23 mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Dan kien indirizzat prinċipalment liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet (eż. l-NGOs, il-gvern lokali, il-komunitajiet lokali, il-kumpaniji u l-

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:12008E003&from=MT
[2] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:12008E004&from=MT
[3] https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:12008E006:MT:HTML
[4] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:12016E/PRO/02&from=MT

associjazzjonijiet tal-industrija) li ma għandhom l-ebda għarfien speċjalizzat dwar ir-Regolament TEN-E. Dan kien rifless fin-numru, fl-istruttura u fil-lingwaġġ tal-kwestjonarju. Il-mistoqsijiet fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa kellhom l-għan li jidentifikaw ir-rilevanza tar-regolament TEN-E f'termini tal-objettivi tiegħu, tal-kategoriji tal-infrastruttura, u tal-karatteristiċi tal-PCIs li l-pubbliku ġenerali qies bħala l-aktar importanti. Il-kontributuri b'għarfien speċjalizzat dwar ir-Regolament TEN-E (eż. bħala professjonist għal awtorità nazzjonali kompetenti / regolatorja, għal TSO, għal DSO, għal promotur ta' proġett tal-kumpanija, għal produttur tal-enerġija, għal NGO b'għarfien speċifiku dwar is-suġġett) ġew mistiedna jimlew stħarriġ imfassal apposta. Il-konsultazzjoni pubblika online kienet aċċessibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Semma leħnek, inklużi l-links għad-dokumenti ta' sfond u għall-paġni web rilevanti, bħal dawk iddedikati għall-politika tat-TEN-E u għall-Patt Ekoloġiku Ewropew.

- Saru erba' webinars għall-partijiet konċernati sabiex tiġi żgurata aktar sensibilizzazzjoni fost il-partijiet konċernati u jinħolqu opportunitajiet għal feedback strutturat

- Il-memorandum ta' spjegazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt fihom taqsima dwar il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-mistoqsija 2.2 aktar 'il quddiem.

2.2 Il-memorandum ta' spjegazzjoni (u kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt) li jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni fih ġustifikazzjoni adegwata rigward il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà?

Kemm il-memorandum ta' spjegazzjoni kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanjaw il-proposta tal-Kummissjoni fihom ġustifikazzjoni adegwata rigward il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija (inkluża sistema interkonnessa ta' distribuzzjoni fil-baħar u infrastruttura ta' grilji intelliġenti) għandha valur miżjud Ewropew minħabba l-impatti transfruntiera tagħha u hija essenzjali sabiex tinkiseb sistema tal-enerġija newtrali għall-klima. Ir-Regolament TEN-E pprovda valur u kkontribwixxa għall-kisba tar-riżultati fir-rigward tal-integrazzjoni, tal-kompetizzjoni u tas-sigurtà tal-provvista tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni. Huwa meħtieġ qafas għall-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata infrastruttura tal-enerġija transfruntiera. Ir-regolamenti u l-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri mhumiex biżżejjed sabiex iwettqu dawn il-proġetti infrastrutturali fis-sħuħija tagħhom.

Is-suq intern tal-enerġija jeħtieġ infrastruttura transfruntiera, li l-iżvilupp tagħha jeħtieġ kooperazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew aktar, ilkoll bil-qafas regolatorju tagħhom stess.

Ir-Regolament TEN-E pprovda valur addizzjonali meta mqabbel ma' dak li seta' jinkiseb biss fil-livell nazzjonali jew reġjonali. L-implimentazzjoni ta' aktar minn 40 proġett ewlieni tal-infrastruttura tal-enerġija sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu għenet lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jilħqu l-mira ta' interkonnessjoni ta' 10 % għall-2020 u jiksbu grilja tal-gass interkonnessa tajjeb u reżiljenti għax-xokkijiet. Is-suq tal-enerġija tal-Unjoni huwa aktar integrat u kompetittiv milli kien fl-2013 u s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni tjiebet. L-aċċess għal finanzjament immirat taħt il-FNE ppermetta l-implimentazzjoni ta' 95 PCI li kellhom diffikultajiet sabiex jaċċessaw finanzjament skont ir-regoli tas-suq.

Il-progress imsemmi hawn fuq ma setax jinkiseb b'azzjoni mill-Istati Membri biss. Diversi partijiet konċernati kkonfermaw il-valur miżjud tar-Regolament TEN-E, u indikaw l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera, iċ-ċertezza regolatorja tat-trasparenza u l-aċċess għall-finanzjament.

2.3 Fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt, l-objettivi tal-azzjoni proposta jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti minn Stati Membri li jaġixxu waħedhom (il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE)?
Ir-regolamenti u l-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri mhumiex biżżejjed sabiex jitwettqu l-proġetti prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva proposta. Fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE, l-objettivi kif imnaqqxa fit-Trattat f'termini ta' promozzjoni tal-interkonnessjonijiet u tal-interoperabbiltà tan-networks nazzjonali ma jistgħux jintlaħqu.
(a) Hemm aspetti transnazzjonali/transfruntiera sinifikanti/apprezzabbli għall-problemi li qed jiġu indirizzati? Dawn ġew ikkwantifikati?
Il-bażi ġuridika tan-networks trans-Ewropej (ara l-punt 1.1 aktar 'il fuq) tistipula li s-suġġett huwa ta' natura transfruntiera. Din hija riflessa wkoll fl-objettiv tal-inizjattiva li huwa li tiffaċilita l-iżvilupp ta' infrastrutturi adegwati tal-enerġija madwar l-UE u fil-viċinat tagħha sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-UE, b'mod partikolari l-miri tal-2030/50, kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista. B'mod aktar speċifiku, l-azzjoni proposta għandha tippermetti l-identifikazzjoni tal-proġetti u tal-investimenti transfruntiera madwar l-UE kollha u mal-pajjiżi ġirien tagħha li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika u għall-miri klimatiċi. Barra minn hekk, għandha l-għan li ttejjeb l-ippjanar transfruntier tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar.
(b) L-azzjoni nazzjonali jew in-nuqqas tal-azzjoni fil-livell tal-UE jkunu f'kunflitt mal-objettivi ewlenin tat-Trattat[5] jew inkella jagħmlu ħsara sinifikanti għall-interessi ta' Stati Membri oħra?
Fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE, l-objettivi kif stabbiliti fl-Artikolu 170, jiġifieri t-twaqqif u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-infrastruttura tal-enerġija ma jkunux jistgħu jintlaħqu. Dan għandu jippromwovi l-interkonnessjonijiet u l-interoperabbiltà tan-networks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għat-tali networks. F'dan il-kuntest għandha titqies il-ħtieġa li l-gżejjer u r-reġjuni kemm dawk maqtugħa mill-baħar kif ukoll dawk periferiċi jiġu kollegati mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni.
(c) Sa liema punt l-Istati Membri għandhom il-kapaċità jew il-possibbiltà li jimplimentaw il-miżuri xierqa?
L-azzjoni nazzjonali tista' tieħu miżuri xierqa li jikkomplementaw l-azzjoni fil-livell tal-UE u li jippermettu li jintlaħqu l-objettivi f'dan il-qasam ta' politika. Il-miżuri jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, ma' networks nazzjonali kollegati ma' networks transfruntiera u l-implimentazzjoni nazzjonali ta' miżuri li jinkludu l-għoti ta' permessi għal proġetti infrastrutturali. Madankollu, fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE għal approċċ koordinat għan-networks trans-Ewropej tal-enerġija, l-interkonnessjonijiet meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija, għall-integrazzjoni aħjar tas-suq, għall-kompetizzjoni u għas-sigurtà tal-provvista ma jiġux identifikati u implimentati.
(d) Il-problema u l-kawżi tagħha (eż. esternalitajiet negattivi, effetti konsegwenzjali) kif ivarjaw fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-UE?
Iż-żewġ problemi ewlenin indirizzati mill-azzjoni proposta jikkonċernaw il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali: l-ewwel nett, it-tip u l-iskala tal-iżviluppi transfruntiera fl-infrastruttura mhumiex allinjati għalkollox mal-objettivi tal-politika tal-enerġija tal-UE b'mod partikolari fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku

[5] https://europa.eu/european-union/about-eu/eu-in-brief_mt

Ewropew u mal-objettiv tan-newtralità klimatika; it-tieni, id-dewmien fl-implimentazzjoni ta’ proġetti infrastrutturali ewlenin jaffettwa l-livelli kollha tal-UE permezz ta’ livelli aktar baxxi ta’ integrazzjoni tas-suq, ta’ kompetizzjoni, u ta’ sigurtà tal-provvista.
(e) Il-problema hija mifruxa madwar l-UE jew hija limitata għal ftit Stati Membri?
Il-problemi msemmija fis-subtaqsimiet ta’ qabel jikkonċernaw lill-Istati Membri kollha u huma mifruxa madwar l-UE kollha. L-Istati Membri kollha jeħtieġ li jiddekarbonizzaw aktar is-sistemi tal-enerġija tagħhom u jikkontribwixxu biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 u se jibbenefikaw minn livelli ogħla ta’ integrazzjoni tas-suq, ta’ kompetizzjoni u ta’ sigurtà tal-provvista.
(f) L-Istati Membri huma mgħobbija żżejjed sabiex jilħqu l-objettivi tal-miżura pjanata?
Il-miżuri fil-livell tal-Istati Membri waħedhom ma jkunux jistgħu jilħqu l-objettivi tal-inizjattiva proposta. Approċċ koordinat fil-livell tal-UE għall-ippjanar transfruntier tal-infrastruttura u għall-identifikazzjoni tal-proġetti infrastrutturali ta’ prijorità, fuq il-bażi tal-kooperazzjoni reġjonali, se jgħin sabiex jiżdiedu l-effiċjenzi.
(g) Kif ivarjaw l-opinjonijiet/l-azzjonijiet preferuti tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali madwar l-UE?
Matul il-konsultazzjoni mal-partijiet konċernati l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali urew appoġġ għal azzjoni fil-livell tal-UE.
2.4 Fuq il-bażi tat-tweġiba għall-mistoqsijiet ta’ hawn taħt, l-objettivi tal-azzjoni proposta jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala jew l-effetti ta’ dik l-azzjoni (il-valur miżjud tal-UE)?
L-azzjoni fil-livell tal-UE tipprovdi valur miżjud ċar meta mqabbla mal-politiki nazzjonali kif intwera mir-Regolament TEN-E eżistenti u mill-benefiċċji miksuba s’issa. Il-konnessjoni effettiva tan-networks tal-Istati Membri u t-tneħħija tal-ostakli tejbu l-integrazzjoni tas-suq bejn l-Istati Membri u l-kompetittività, kif rifless fil-progress fil-miri ta’ interkonnessjoni u fil-konverġenza tal-prezzijiet tal-enerġija madwar l-UE.
(a) Hemm benefiċċji ċari mill-azzjoni fil-livell tal-UE?
Ir-Regolament TEN-E stabbilixxa approċċ ġdid għall-ippjanar transfruntier tal-infrastruttura tal-enerġija. Huwa jiġbor flimkien fi gruppi reġjonali l-partijiet konċernati sabiex jidentifikaw u jgħinu fl-implimentazzjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni (PCIs) li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta’ kurituri prijoritarji u ta’ oqsma tematiċi tal-infrastruttura tal-enerġija. Minbarra approċċ effettiv u kosteffiċjenti għall-ippjanar tal-infrastruttura, ir-regolament tejjeb il-proċeduri għall-għoti ta’ permessi. Dan jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw proċess simplifikat għall-għoti ta’ permessi għall-PCIs fi ħdan 3 snin u nofs għal deċiżjoni għall-għoti ta’ permess. Dawn għandhom jirċievu l-ogħla status prijoritarju nazzjonali u jiġu inklużi fil-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp tan-network. Ir-regolament jipprevedi wkoll assistenza regolatorja, regoli u gwida għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u tal-inċentivi relatati mar-riskju, u jipprovdi aċċess għal opportunitajiet ta’ finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Mill-adozzjoni tiegħu fl-2013, it-TEN-E ppermetta l-implimentazzjoni ta’ aktar minn 40 proġett ewlieni tal-infrastruttura tal-enerġija u 75 proġett ieħor huma mistennija li jiġu implimentati sal-2022. B’kollox, l-appoġġ ta’ finanzjament ipprovdut mill-FNE laħaq l-EUR 4,7 biljun u dan ippermetta l-implimentazzjoni ta’ 95 PCI. Mill-2014, il-FNE pprovdiet finanzjament għal 149 azzjoni li minnhom

114 (EUR 519-il miljun) għal studji u 35 (EUR 4,2 biljun) għal xogħlijiet. Mill-baġit totali ta' EUR 4,7 biljun, EUR 1,5 biljun ġew allokati għal proġetti tal-gass u EUR 2,8 biljun għal proġetti tal-elettriku. S'issa, madwar wieħed minn kull ħames PCIs irċivew assistenza finanzjarja mill-FNE għal studji u/jew għal xogħlijiet. Hemm qbil mifrux fost il-partijiet konċernati dwar il-valur miżjud tal-UE tar-Regolament, miksub permezz tal-kooperazzjoni reġjonali, permezz tal-aċċess għall-finanzjament, permezz tat-titjib fl-informazzjoni u fit-trasparenza, u permezz tat-titjib fl-ippjanar u fil-proċessi għall-ħruġ ta' permessi.
(b) Hemm ekonomiji ta' skala? L-objettivi jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE (benefiċċji akbar għal kull kost ta' unità)? Il-funzjonament tas-suq intern se jittejjeb?
L-evalwazzjoni tar-Regolament TEN-E attwali turi li dan ikkontribwixxa b'mod effettiv sabiex jgħaqqad in-networks tal-Istati Membri u jneħħi l-ostakli. L-integrazzjoni tas-suq bejn l-Istati Membri u l-kompetittività tjiebu, kif rifless fil-progress lejn il-miri ta' interkonnessjoni u fil-konverġenza tal-prezzijiet tal-enerġija madwar l-UE. L-implimentazzjoni tal-PCIs tal-elettriku se tgħin lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jilħqu l-mira ta' interkonnessjoni ta' 10 % għall-2020. B'riżultat ta' dan, is-suq tal-enerġija tal-UE huwa aktar integrat u kompetittiv milli kien fl-2013. Il-proġetti jippermettu wkoll l-integrazzjoni tal-kambju tal-elettriku rinnovabbli u tal-enerġija bejn il-fruntieri u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa ta' tnaqqis. Is-sigurtà tal-provvista, bħala mutur ewlieni wara r-Regolament TEN-E kurrenti, tjiebet b'mod sinifikanti permezz tal-PCIs. Sal-bidu tas-snin 2020, meta l-PCIs tal-gass li qed jiġu implimentati bħalissa se jkunu qed joperaw, l-Ewropa jenħtieġ li tikseb grilja tal-gass interkonnessa sew u reżiljenti għax-xokkijiet u l-Istati Membri kollha se jkollhom aċċess għal tal-anqas tliet sorsi ta' gass jew għas-suq globali tal-gass naturali likwifikat (LNG), element ewlieni sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' gass.
(c) X'inhuma l-benefiċċji miġjuba mis-sostituzzjoni ta' politiki u ta' regoli nazzjonali differenti b'approċċ politiku aktar omoġenu?
Filwaqt li jibnu fuq ir-Regolament TEN-E attwali, il-miżuri proposti huma mmirati lejn approċċ aktar koordinat għall-ippjanar transfruntier tal-infrastruttura, lejn implimentazzjoni aċċellerata tal-proġetti u lejn trattament regolatorju aktar koerenti għall-proġetti ta' interess komuni. Dan jippermetti approċċ aktar effiċjenti għall-iżvilupp ta' proġetti infrastrutturali transfruntiera u implimentazzjoni aktar puntwali ta' dawn il-proġetti.
(d) Il-benefiċċji tal-azzjoni fil-livell tal-UE jegħlbu t-telf ta' kompetenza tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (lil hinn mill-kostijiet u mill-benefiċċji ta' azzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali)?
L-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija li jippermettu l-ilħuq tal-objettivi tan-newtralità klimatika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll tal-integrazzjoni tas-suq, tal-kompetittività, u tas-sigurtà tal-provvista bl-anqas kost għall-konsumaturi u għan-negozji hija prijorità għolja għall-Istati Membri kollha. Għalhekk, l-azzjoni fil-livell tal-UE tippermetti l-appoġġ lill-Istati Membri kollha fil-kontribuzzjoni tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi ewlenin tal-politika dwar l-enerġija u l-klima.
(e) Se jkun hemm ċarezza tad-dritt aħjar għal dawk li jridu jimplimentaw il-leġiżlazzjoni?
Ir-reviżjoni proposta tal-qafas eżistenti tat-TEN-E se tipprovdi ċarezza tad-dritt imtejba għall-promoturi tal-proġetti u għall-awtoritajiet nazzjonali. Pereżempju, se jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet dwar it-trattament regolatorju tal-proġetti ta' interess komuni.

3. Proporzjonalità: Kif jenħtieġ li taġixxi l-UE

3.1 Il-memorandum ta' spjegazzjoni (u kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt) li jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni fih ġustifikazzjoni adegwata rigward il-proporzjonalità tal-proposta u dikjarazzjoni li tippermetti li tiġi evalwata l-konformità tal-proposta mal-prinċipju tal-proporzjonalità?

Kemm il-memorandum ta' spjegazzjoni kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni fihom ġustifikazzjoni bħal din.

L-inizjattiva hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni fil-qasam tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija, kif iddefinit fl-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-intervent ta' politika huwa proporzjonali għad-dimensjoni u għan-natura tal-problemi definiti u biex jintlaħqu tal-objettivi stabbiliti.

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tilħaq l-objettiv ġenerali li jrid jintlaħaq sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp f'waqtu ta' infrastrutturi suffiċjenti tal-enerġija madwar l-Unjoni u fil-viċinat tagħha sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-miri tal-2030/50 li jinkludu l-objettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista.

Fuq il-bażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni vvalutat diversi għażliet politiċi li jappartjenu għal erba' oqsma ta' impatt tal-qafas kurrenti tat-TEN-E, bħall-ambitu, l-ippjanar tal-governanza/infrastruttura, l-għoti ta' permessi u l-parteċipazzjoni pubblika, u t-trattament regolatorju.

Il-valutazzjoni u t-tqabbil tal-għażliet (ara b'mod partikolari t-taqsimiet 7 u 8 tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuża) juru li l-ebda għażla waħda ma hija biżżejjed sabiex jintlaħqu l-objettivi identifikati. L-identifikazzjoni ta' pakkett ta' għażliet politiċi li huma l-aktar adattati sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi hija bbażata fuq valutazzjoni li tinkludi l-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.2 Fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt u tal-informazzjoni disponibbli minn kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt, mill-memorandum ta' spjegazzjoni jew minn sorsi oħra, l-azzjoni proposta hija mod xieraq kif jintlaħqu l-objettivi intiżi?

L-azzjoni proposta tinkludi miżuri li huma xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi intiżi tal-inizjattiva. Il-miżuri huma proporzjonati u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. Mingħajr azzjoni mill-UE, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jilħqu l-objettivi b'mod sodisfaċenti. Il-kostijiet addizzjonali huma limitati ħafna u jinkludu miżuri għat-tnaqqis tal-kostijiet diretti.

(a) L-inizjattiva hija limitata għal dawk l-aspetti li l-Istati Membri ma jistgħux jilħqu b'mod sodisfaċenti waħedhom, u l-UE x'tista' tagħmel aħjar?

Fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jidentifikaw il-proġetti infrastrutturali transfruntiera adegwati meħtieġa għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika dwar il-klima u l-enerġija bbażati fuq ippjanar integrat transfruntier tal-infrastruttura. Il-miżuri proposti huma limitati għal dawk l-aspetti li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu b'mod sodisfaċenti waħedhom.

(b) Il-forma tal-azzjoni tal-Unjoni (l-għażla tal-istrument) hija ġġustifikata, b'mod kemm jista' jkun sempliċi, u koerenti mal-ilħuq sodisfaċenti tal-objettivi mfittxija, u mal-iżgurar tal-konformità mat-tali objettivi mfittxija (eż. l-għażla bejn regolament, direttiva (qafas), rakkomandazzjoni, jew metodi regolatorji alternattivi bħall-koleġiżlazzjoni, eċċ.)?

L-inizjattiva tipproponi r-reviżjoni tar-Regolament TEN-E eżistenti, sabiex b'hekk tinżamm l-għażla tal-istrument li wriet li ħadmet tajjeb għall-ilħuq tal-objettivi segwiti f'konformità mal-metodu regolatorju (koleġiżlazzjoni) kif stipulat fl-Artikolu 172 tat-TFUE.
(c) L-azzjoni tal-Unjoni tħalli kemm jista' jkun lok għal deċiżjoni nazzjonali filwaqt li tikseb b'mod sodisfaċenti l-objettivi stabbiliti? (eż. huwa possibbli li l-azzjoni Ewropea tiġi llimitata għall-istandards minimi jew li jintuża strument jew approċċ ta' politika anqas stringenti?)
L-Artikolu 171 tat-TFUE jistipula li l-Unjoni għandha tistabbilixxi linji gwida li jkopru l-objettivi, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali ta' miżura previsti fil-qasam tan-network trans-Ewropew u li dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw il-proġetti ta' interess komuni. Il-miżuri proposti jibnu fuq dawn id-dispożizzjonijiet sabiex jistabbilixxu qafas fil-livell tal-UE li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi kif imnaqqxa fit-TFUE.
(d) L-inizjattiva toħloq kost finanzjarju jew amministrattiv għall-Unjoni, għall-gvernijiet nazzjonali, għall-awtoritajiet reġjonali jew lokali, għall-operaturi ekonomiċi jew għaċ-ċittadini? Dawn il-kostijiet huma proporzjonati mal-objettiv li jrid jintlaħaq?
Il-miżuri proposti huma prinċipalment titjib fil-qafas kurrenti tat-TEN-E. L-evalwazzjoni wriet li r-Regolament kurrenti ħadem tajjeb. Matul il-konsultazzjoni mal-partijiet konċernati, ħafna mill-partijiet konċernati qablu li r-Regolament huwa kosteffettiv u jipprovdi aktar benefiċċji milli kostijiet. L-inizjattiva toħloq piż finanzjarju u amministrattiv addizzjonali limitat għall-promoturi tal-proġetti u għall-Kummissjoni kif ukoll għall-ACER. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti se jiġġeneraw benefiċċji diretti permezz ta' tnaqqis fil-kostijiet diretti rikorrenti eżistenti relatati mal-piż amministrattiv bħala riżultat ta' tnaqqis fl-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar.
(e) Filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt tal-Unjoni, ġew ikkunsidrati ċirkostanzi speċjali li japplikaw fi Stati Membri individwali?
Ma ġiet identifikata l-ebda ċirkostanza speċjali li tapplika fi Stati Membri individwali.